



Brussell, 7 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7219/24
ADD 1

LIMITE

EEE 9
CH 5
MI 240
RECH 95

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar dispożizzjonijiet istituzzjonali fi ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera relatati mas-suq intern, dwar ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni u dwar ftehim li jiffirma l-bażi għall-kontribut permanenti tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-koeżjoni tal-Unjoni

Dikjarazzjoni tad-Danimarka dwar miżuri relatati mal-istazzjonar tal-ħaddiema fin-negozjati bejn l-UE u l-Iżvizzera

Id-Danimarka tappoġġa d-deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati bejn l-UE u l-Iżvizzera. Id-Direttivi għan-negozjati bejn l-UE u l-Iżvizzera jagħtu lill-Iżvizzera l-possibbiltà li tadotta jew iżżomm miżuri relatati mal-istazzjonar tal-ħaddiema irrispettivament mid-dritt futur tal-Unjoni, inkluż l-evoluzzjoni tal-ġurisprudenza.

Madankollu, id-Danimarka tissottolinja li dawn il-miżuri speċifiċi relatati mal-istazzjonar tal-ħaddiema, li huma mmarkati bħala "eċċezzjonijiet" fil-Fehim Komuni bejn il-Kummissjoni u l-Iżvizzera, jistgħu jkunu f'konformità mad-dritt attwali tal-UE, u għalhekk ma għandhomx jitqiesu bħala eċċezzjonijiet.

Jekk dawn il-miżuri għandhomx jitqiesu f'konformità mad-dritt attwali tal-UE ser jiddependi fuq l-għan leġittimu fil-kuntest nazzjonali speċifiku, il-proporzjonalità tal-miżura, u fl-aħħar mill-aħħar valutazzjoni mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Id-Danimarka tinnotta f'dan ir-rigward li l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-kawża C-33/17, Čepelnik, ma eskludietx il-possibbiltà li jiġi introdott rekwiżit ta' depożitu ta' garanzija finanzjarja.
